*KOLLIZJONI – STOP SIGN*

*SUDDEN EMERGENCY*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 30**
**Citazzjoni Numru: 610/96/RCP**

**Jeffrey Tabone**

**vs**

**Kenneth Bugeja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1A fejn gie premess:-

Illi fis-27 ta' Mejju 1995, filwaqt illi l-imsemmi Jeffrey Tabone kien qed isuq il-vettura Daihatsu Charade numru W-0109, din il-vettura kienet involuta f'kollizjoni mal-

karozza Mini Minor numru G-2242 misjuqa mill-konvenut Kenneth Bugeja, gewwa Hal-Safi.

Illi ghal din il-kollizjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur huwa responsabbli l-istess konvenut.

Illi interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkawzati, l-konvenut baqa' inadempjenti.

Ighid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

(i) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tas-27 ta' Mejju 1995, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

(ii) Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' disa' mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu u tliet millezmi (Lm968.62,3) jew somma verjuri illi tigi likwidata, *previa* okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

(iii) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, *in linea* ta' danni, l-imsemmija somma ta' disa' mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu u tliet millezmi (Lm968.62,3) jew somma verjuri illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-14 ta'

Novembru 1995, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-25 ta' Gunju 1996 a fol. 20 fejn gie eccepit:

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident in kwistjoni ma kienx jahti hu;

2. Illi jsegwi, riferibbilment ghat-tieni talba, li m'hemm ebda danni tal-attur x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent;

3. Illi jizdied isegwi, riferibbilment ghat-tielet talba, li m'hemm ebda ammont li hu ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur;

4. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u b'riserva ghar-risarciment tad-danni tal-eccipjent li ghalihom minn issa qed jinterpella lill-attur

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbali ta' l-1 ta' Ottubru 1996 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. F.G. Camilleri; tad-9 ta' Dicembru 1996; tat-22 ta' Jannar 1997 u tat-13 ta' Gunju 1997 fejn xehed l-attur.

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 1998 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 575 tal-Kapitolu 12 sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija – li kien debitament ingunt biex jixhed, pero' ma deherx – hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha u kkundannatu Lm10 multa.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tad-19 ta' Frar 1998 a fol. 35 fejn skuza ruhu u talab bir-rispett li l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha. Rat ir-rikors tal-Qorti tat-23 ta' Frar 1998 a fol. 36 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbali tal-1 ta' April 1998; tat-3 ta' April 1998 fejn xehed l-Ispettur Patrick Spiteri; tat-13 ta' Novembru 1998 fejn xehed P.S. 457 Charles Mifsud. Fuq talba tad-difensuri tal-partijiet il-Qorti nnominat lill-AIC Richard Aquilina biex jaccedi fuq il-post tal-incident u jaghmel pjanta *to scale* u li fiha ghandha tinkorpora dak kollu li jinsab indikat fl-*isketch* tal-Pulizija a fol. 43.

Rat il-verbali tat-22 ta' Frar 1999; tal-24 ta' Marzu 1999; tal-21 ta' Mejju 1999; tal-11 ta' Gunju 1999; tat-30 ta' Gunju 1999 u tad-29 ta' Ottubru 1999.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Richard Aquilina a fol. 61 sa 64 li fit-8 ta' Novembru 1999 fir-Registru kkonferma r-rapport tieghu bil-gurament.

Rat il-verbali tas-26 ta' Novembru 1999; tat-8 ta' Mejju 2000; tad-9 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita biex tinstema minn din il-Qorti kif illum presjeduta; tas-16 ta' Novembru 2000; tas-7 ta' Frar 2001 fejn il-Perit Richard Aquilina rega' kkonferma r-relazzjoni tieghu esebita a fol. 61 tal-process; tas-27 ta' Marzu 2001; tas-26 ta' Gunju 2001; tat-8 ta' Novembru 2001; tal-24 ta' Jannar 2002 fejn xehed il-konvenut Kenneth Bugeja. Il-kawza giet trattata u thalliet ghall-lum 25 ta' April 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta bejn kollizjoni li grat bejn l-attur li kien qed isuq il-karozza Reg No W – 0109 li kienet ghaddejja minn Triq San Pawl f'Hal-Safi, u l-karozza misjuqa mill-konvenut Reg No G – 2242 li kienet ghaddejja

mit-Triq San Gwann hierga ghal fuq Triq San Pawl f'Hal-Safi.

Illi l-versjoni attrici hija fis-sens illi huwa kien ghaddej fl-istess Triq San Pawl meta kif wasal fil-kantuniera ma Triq San Gwann hareg il-konvenut bla ma waqaf u saret il-kollizjoni.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qieghed isostni li huwa kien ghaddej fi Triq San Gwann, waqaf, esplora it-triq u beda hiereg u kif hareg saret il-habta, u skond hu din kienet dovuta wkoll ghall-fatt li minn fejn kien hiereg hu kien hemm liwja fejn il-vizwali tieghu hija limitata ghall-erba' jew hames karozzi u ghalhekk huwa necessarjament kellu johrog fi Triq San Pawl sabiex jaqsam l-istess triq.

Illi minn dawn iz-zewg versjonijiet jidher li d-dinamika tal-incident hija pjuttost wahda cara u mill-ezami li l-istess Qorti ghamlet fuq il-post jirrizulta li kif huwa ndikat anke mill-iskizz redatt mill-Perit Richard Aquilina a fol 64 tal-process jirrizulta li min ikun ghaddej minn Triq San Pawl ghandu precedenza fuq min ikun hiereg mill-istess triq ghal Triq San Gwann, b'dan li fl-istess l-ahhar imsemmija triq hemm *Stop Sign* mal-art li tindika li min ikun hiereg mill-istess triq ghandu jieqaf ghaliex jkun ser jitraversa triq li hija principali fil-konfront tal-ohra.

Illi wiehed jinnota li fuq in-naha tax-xellug ta' min ikun hiereg kif kien hiereg il-konvenut minn Triq San Gwann

ghal fuq Triq San Pawl, il-bini fuq l-istess naha tax-xellug huwa aktar imdahhal il-gewwa fis-sens li l-vizwali fuq l-istess naha ghal min ikun hiereg fuq l-istess triq hija aktar miftuha.

Illi fid-dawl tal-premess il-Qorti ghandha dejjem f'cirkostanzi simili tara min miz-zewg sewwieqa f'dan il-kaz huwa l-kawza prossima tal-istess incident, u f'dan l-kaz mehud kont tax-xhieda prodotta inkluz l-iskizz u l-pjanta esebita jirrizulta li dan kien dovut ghas-sewqan negligenti da parti tal-konvenut li naqas li jesplora t-triq sew qabel ma dahal fit-triq principali San Pawl u ghalhekk ostakola il-*flow of traffic* li kienet ghaddeja fl-istess triq bir-rizultat li saret il-kolizjoni indikata.

Illi jigi osservat li l-konvenut sostna fix-xhieda tieghu li huwa meta esplora t-triq ma ra xejn gej min-naha tax-xellug tieghu u minn dak il-mument huwa dahal fl-istess triq principali bi ftit metri u saret il-habta.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-versjoni ma hijiex kredibbli stante li jirrizulta li l-istess konvenut fil-posizzjoni li kien seta' jara facilment l-utenti tat-triq San Pawl u jekk huwa hass li l-vizwali tieghu kienet b'xi mod ostakolata huwa messu ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji kif ghandu jaghmel kull persuna li hierga minn fuq *Stop Sign* sabiex huwa ma jittentax jaghmel manuvra ohra qabel ma jkun accertat li dan jista' jaghmilha minghajr ebda perikolu lill-utenti tal-istess triq. Dan il-konvenut ma jirrizultax li

ghamlu, anzi jidher li ddecieda li jaqsam l-istess triq minghajr ma kien cert dwar il-posizzjoni tieghu u l-utenti tat-triq l-ohra.

Illi dwar dan huwa rilevanti dak li ntqal fis-sentenza "**Fogg Ltd nomine vs Jesmond Ellul"** (P.A. (RCP) deciza 22 ta' Jannar 2002 - Cit Nru 2656/97/RCP), u fis-sentenza **"Dr. Stephen Thake nomine vs Reverendu Patri Ignatius Paul Axisa"** (A.C. 13 ta' Frar 1997) u cioe` li:-

*"L-istop sign hu ordni perentorju li d-driver tal-vettura assigurata mad-ditta attrici kien jehtieglu jobdi biex minn warajha jesplora it-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali w ma jazzardax jirfes fuqha qabel ikun ghamel ghal kollox cert li seta' jaghmel dan u jtemm il-manuvra li ried jaghmel………..bla ma jfixkel lit-traffiku fuq it-triq principali".*

Illi in kwantu jirrigwarda s-sewwieq Jeffrey Tabone, li kellu d-dritta ghaliex kien ghaddej minn Triq San Pawl, li hija ukoll *main road vis a vis* Triq San Gwann, kif indikat ukoll mis-sinjalitika fl-istess toroq, ma hemm xejn fis-sewqan tieghu li din il-Qorti thoss li ikkontribwixxa ghall-kawza tal-istess incident, anzi jidher li l-istess attur iffacjat bil-hrug f'daqqa tal-istess konvenut kien rinfaccjat b'*sudden emergency* u *in the agony of collission,* kif jirrizulta anke mill-iskizz a fol. 8 tal-process u mill-pjanta a fol 64 tal-process, huwa ipprova jevita l-impatt bl-applikazzjoni tal-*brakes*, dan kollu biex jevita l-vettura tal-konvenut li kienet

imblukkatlu it-triq tieghu, izda dan kollu ma sewa ghal xejn, ghaliex il-kollizjoni xorta sehhet.

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenzi **"Paul Deguara vs Raymond Chilton"** mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u **"Avra Insurance et vs Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) deciza fis-26 ta' April 2001, Cit Nru 694/97/RCP) u cioe':-

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-attur* (f'dan il-kaz il-konvenut) *ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut (*f'dan il-kaz lill-assigurat tas-socjeta' attrici) *li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action". Din il-Qorti ga' kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara **"John Debattista vs Maria Theresa Vella et"** deciza min din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1987). Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta tkun rinfaccjata b' "sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kienitx il-manuvra errata tal-(konvenut) il-kollizzjoni ma kienitx issir. Hekk insibu fil-"Manual of Motor Vehicle Law" (Horsely and Foster p. 120) "If the driver outs the corner and confronts another driver with the imminent prospect of a collision he cannot complain if that other adopts an unwise manouvre in attempting to avoid it" (Ara wkoll Bingham's Motor Claims Cases pages 33,34). Li gara f'dan*

*il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-*konvenut *ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setghax jevita l-habta bl-evasive action li ha."*

Illi ghalhekk in vista tal-premess il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi rigward l-ammont ta' danni rikjamati fis-somma ta' Lm968.62,3 jirrizulta li kwantu ghas-somma ta' Lm843.62,3 dawn jinsabu korroborati mid-dokumenti esebiti bhala Dok 'C', Dok 'D', Dok 'E', Dok 'F' u Dok 'G' minn fol 10 sa 16 tal-process, u rigward l-*item* indikata bhala "*excess*", anke fid-dokument 'B' a fol 9 tal-process din ma gietx ippruvata sodisfacentament apparti l-fatt li s-somma ta' *excess* tinghata lura f'dan il-kaz jekk il-*claim* tigi sodisfatta da parti tal-hlas mill-konvenut.

Illi ghalhekk l-ammont ta' danni attwalment sofferti kawza ta' dan l-incident huwa dak ta' Lm843.62,3, u t-tieni u t-tielet talba attrici ghandha tigi limitata ghal dan l-istess ammont.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici**, biss kif hawn indikat, u cioe`:

(i) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tas-27 ta' Mejju 1995, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

(i) Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tmien mija u tlieta u erbghin lira, u tnejn u sittin centezmu u tliet millezmi (Lm843.62,3,).

(iii) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, *in linea* ta' danni, l-imsemmija somma ta' tmien mija u tlieta u erbghin lira, u tnejn u sittin centezmu u tliet millezmi (Lm843.62,3,).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru 1995, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fit-12 ta' Gunju 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor Imhallef Raymond C Pace LL.D.**
**25 ta' April 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 ta' April 2002**